# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 11/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 26 ta' Novembru, 2013 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | KAS | Mary Rose Mifsud |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużati | Dr Alex Sciberras |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis 20 ta' Novembru, 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 10/K7/2013.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati
7. Affarijiet oħra jekk urgenti
8. Aġġornament.

**Seduta Numru 11/13**

490 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 10/K7/2013.**

491 Il-minuti ta' l-għaxar laqgħa tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

492 Materja 436: Is-Sur Selvaggi qal li s-sentenza li tirreferi għal karreġjata tal-'Valletta Only' trid tiġi amendata kif ġej "l-konġestjoni tiżdied meta tkun magħluqa tal-karreġġiata li kienet *Valletta Only*".

493 Materja 465: Is-Sur Matthew Agius qal li hu kien issuġġerixxa, imbagħad il-Kunsill qabel li jinżammu l-garanziji, għalhekk is-sentenza ser tiġi amendata kif ġej: "Is-Sur Matthew Agius isuġġerixxa, u l-Kunsill qabel, li hemm bżonn jinżammu xi garanziji bħala deposit li jingħata lura jekk il-post li jkunu użaw ikun tnaddaf."

494 Is-Sur Matthew Agius jixtieq li tiżdied Materja qabel Materja 471 fejn tgħid li hu qal li min ikun xogħol ma jistax jiġi l-Kunsill bħal min ma jkunx xogħol u dan ma jfissirx li l-Kunsilliera li jaħdmu u ma jiġux spiss il-Kunsill ma jkunux qed jagħtu s-sehem tagħhom. Is-Sur Bartolo qal li hu ma qalx li min ma jiġix il-Kunsill ma jkun qed jagħmel xejn, pero' qal li min ma jkunx il-Kunsill regolari ma jkunx jaf x'qed jiġri fid-'day to day'.

495 Materja 475: Ir-rampa trid titneħħa u mhux issir.

496 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## 2. Materji tal-Minuti

497 Materja 427: Is-Sindku informat lill-Kunsill li ntbagħtet Questionnaire mill-Working Group ta’ l-Iskemi tal-Parkegg, imtliet u ntbagħtet lura lil-AKL. Is-Sur Agius qal li hemm bżonn laqgħa mas-Sur James Piscopo CE0 tat-TM u s-Sindku qalet li qed tistenna risposta fuq id-data tal-laqgħa. Is-Sindku qalet ukoll li hi kitbet lis-Sur Soler dwar l-infurzar fil-periferiji pero’ kien għadha ma ngħatax risposta.

498 Materja 429: Is-Sindku kkonfermat li l-‘cameras’ li kienu mwegħda minn Joe Attard tal-Green MT waslu u ser tqabbad lil xi ħadd jiċċekja li jaħdmu. Is-Sur Maurice Agius qal li hu saqsa lis-Sur Attard min juża hu biex jsewwi l-‘cameras’ pero’ qal li s-Sur Attard ssuġġerilu li jużaw li xi ħadd ieħor għax qallu li għoljin. Is-Sur Maurice Agius qal ukoll li għadu qed jipprova jikseb il-flus dovuti lill-Kunsill mis-Sur Attard. Is-Sindku qalet li hi u s-Sna Galea iltaqgħu ma’ rappreżentanti ta’ l-għaqda tan-Nassaba u Konservazzjonisti u li huma ma kellhomx oġġezzjoni li jitwaħlu l-‘cameras’. Is-Sindku qalet li anke għandhom il-‘cameras’ huma stess u jekk idawruhom ftit ikun jidher min qed iħalli l-iskart barra l-ħin tal-ġbir f’dik iż-żona. Sar qbil li jsiru tabelli ħdejn l-iskips (jew ma xi arblu, jew ma l-iskips stess) u is-Sur Maurice Agius qal li mportanti li l-‘cameras’ tal-Għaqda tan-Nassaba jkunu juru l-‘cameras’ tal-Kunsill biex jekk ikun hemm xi vandaliżmu jinqabad fuq il-‘cameras’ tagħhom. Is-Sur Alan Abela Wadge qal li ma hemmx oġġezzjoni mill-Klabb tal-Futbol biex jitwaħħlu l-‘cameras’ hemm ukoll.

499 Materja 432: Is-Segretarju Eżekuttiv għadha qed tistenna risposta mit-TM minħabba l-linji bojod li saru fi Triq ix-Xatt ta’ L-Imsida. Is-Sur Maurice Agius qal li tal-ħwienet qed jiġu ddiskriminati u qal li anke qed issir diskriminazzjoni fuq pparkjar ta’ karozzi. Qal li t-tabella No Heavy vehicles għandha ssir ‘No Heavy or Commercial Vehicles’ u l-Kunsill qabel li s-Segretarju għandha tikteb lit-TM dwar dan.

500 Materja 435: Is-Sindku kkonfermat li kkuntatjat il-Maġġur il-ġdid, Jason Caruana, u li ntbagħtet imejl lilu biż-żoni u l-ħinijiet li hemm bżonn servizz ta’ Pulizija Pajżana.

501 Materja 441: Is-Sur Maurice Agius qal li hu kellem lil Steve ta’ l-SRF fuq is-Servizz tal-Knis. Waqt il-laqgħa s-Segretarju ħarġet il-pjanti ta’ kif isir il-knis fil-lokal u ttieħdu ritratti tagħhom biex jintbagħtu lill-Kunsilliera.

502 Materja 443: Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Viċi Sindku jipprovdi l-informazzjoni fuq il-gabbani tal-Festa sa' l-aħħar tas-sena biex kmieni s-sena d-dieħla jiġi fformat 'working group' biex jippreparaw il-kriterji għall-permessi tal-Festa 2014.

503 Materja 444: Is-Sindku nformat lill-membri tal-Kunsill li resident li joqgħod fil-pjazza ħdejn Triq Ċensu Farrugia kkuntatja lilha u lis-Sur Selvaggi minħabba problema li għandhom biex itellgħu xi 'appliances' u ma jistgħux minħabba l-proġett li qed isir. Huma jridu l-proġett lest għax ilhom jistennew 7 snin u is-Sindku ntalbet biex tagħti 'deadline'. Is-Sur Selvaggi qal li dan ir-resident kien mwiegħed, meta xtara l-propjeta', li jkun hemm pjazzetta quddiemu. Is-Sindku qalet li offriet li tibgħat il-Perit li qed juża l-Kunsill biex jara kif jista jitpoġġa 'high up' u anke offriet li l-Kunsill ikopri l-ispejjez. Qalet li l-PC Application iddaħlet il-MEPA, u qalet li hi (flimkien mal-Perit) attendiet laqgħa mas-Sur Borg Fiorentino, uffiċċjal tal-MEPA.

504 Materja 452: Is-Sindku nformat lill-membri tal-Kunsill li l-attivita' li se tkun proposta bħala attivita' kulturali u li ghalija ser jintalbu fondi mid-Dipartiment ser tkun Festa tal-Fjuri u Karti. Qalet li l-applikazzjoni ser tiddaħħal id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sa' l-aħħar tal-ġimgħa.

505 Materja 455: Fuq iz-Zebra Crossing ta' Triq il-Wied is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna risposta mit-TM. Meta kienet iddaħlet l-applikazzjoni preċedenti kienu qalu li t-triq wiesgħa ż-żejjed pero' issa l-proposta saret għal-parti idjeq tat-triq.

506 Materja 456: Is-Sindku informat lill-Kunsill li hi attendiet l-attivita' ta' l-Ambaxxatur tal-Vot 16 flimkien ma' Jean-Claude Borg. Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq ir-rwol ta' l-Ambaxxatur u ġie informat li l-Ambaxxatur jkun jista jattendi għal-laqghat tal-Kunsill pero' ma jkollux vot.

507 Materja 466: Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lill-Prinċipal tal-Junior College minħabba l-attivitajjiet ta' l-għaqdiet u li ċempel u informaha li permessi jingħataw ukoll ġewwa l-'grounds' ta' l-iskola. Qalet pero' li qed tistenna r-risposta tiegħu bil-miktub. Il-Kunsill qabel li tista ssir laqghat ma' l-għaqdiet biex il-Kunsill ikun jaf x'sapport qed jingħataw mill-iskola.

508 Materja 475: Is-Sur Selvaggi talab biex ikun jaf meta ser issir r-rampa fi Triq Victor Denaro għax sar qbil fil-laqgħa li ghaddiet li l bankina se titneħħa biex issir rampa. Hu ġie informat li hemm ftit problemi mal-Kuntrattur bħalissa u li ntalab jagħti kwotazzjonijiet ta' diversi xogħolijiet li hemm bżonn isiru pero'  risposta għadha ma ngħatatx. Is-Sur Selvaggi ġie informat li r-rampa ser issir pero' baqa xi sitt xhur oħra.

509 Materja 473: Il-Kunsill ġie informat li l-'culverts' tax-Xatt tax-Xbiex u Xatt L-Imsida tnaddfu.

510 Materja 476: Is-Sur Selvaggi reġa saqsa fuq il-parkeġġ fi Triq L-Imħallef Debono li nżebagħ abjad flok isfar u s-Sindku nformatu li dawn il-kaxxi saru tajjeb u skont ir-regoli. Is-Sur Selvaggi qal li minħabba li saret kaxxa

bajda sid il-propjeta' ma jistax joħrog mill-garaxx. Sar qbil li s-Sindku u s-Sur Selvaggi għandhom imorru jiċċekjaw.

511 Materja 477: Il-Kunsill qed jistenna li l-Perit jissometti rapport ta' Traffic Management fuq iż-żona ta' ħdejn l-Invicta. Il-Kunsill qabel li l-Petition Board, u David Soler għandhom jiġu nformati li l-Kunsill m' għandux oġġezzjoni li jsir parkeġġ f'dik iz-zona.

512 Materja 480: Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li għadha trid tqassam l-ittra fuq l-approvazzjoni ta' 'Sleeping Police' fi Triq Antonio Bosio.

513 Materja 483: Inġibdet l-attenzjoni li d-dwal ta' Victor Denaro mhux applikazzjoni ta' dawl ġdid trid tkun pero' hemm bozzoz maqtugħa.

514 Materja 484: Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li tkellmet ma' l-Ispettur u qal li l-pulizija qed jagħmlu destinzzjoni fuq rapporti fejn il-Kunsill jkun jixtieq jagħti 'warning' u rapporti li jitkomplew bi proċeduri legali. Il-Kunsill fehem. Sar qbil li ssir laqgħa f'Diċembru fejn il-membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jiltaqaw ma' l-Ispettur.

515 Materja 486: Il-Kunsill gie informat li Joe Demarco mar fuq il-post (Triq Victor Denaro) u kkonferma li jintilef 'parking bay' jekk tiġi rranġata. Is-Sur Brincat ghandu jieħu ħsieb din il-materja mas-Sur Demarco. Inġibed l-attenzjoni li d-dar fejn qed jitolbu li tikber il-kaxxa s-safra, jisimha Bianca.

## 3 Korrespondenza

516 41/0672– Il-Każin tal-Banda bagħat il-programm ta' l-attivita' ta' Lejliet il-Milied li s-soltu jsir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Imsida. Il-Kunsill qabel li pingħata massimu ta' 350 ewro għal din l-attivita'.

517 41/0667– Il-Kunsill irċieva korrespondenza minn Lorrain Fonk mill-Ministeru tas-Saħħa b'talba biex is-Sna Marisa Xerri Demanuele tiġi transferita 'on loan' mill-Kunsill ghall-Isptar Mt Carmel. Is-Segretarju qalet li talbet informazzjoni mid-Dipartiment kemm fuq il-possibilita' ta' dan it-trasferiment u anke fuq it-talba li s-Sna Xerri tkun 'on loan'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li s-Sna Xerri Demanuele tmur f'Dipartiment ieħor pero' qabel li isir ir-release uffiċċjali meta l-informazzjoni neċessarja tingħata mid-Dipartiment.

518 41/0665 – Intbagħtet korrespondenza fuq l-'clamping' u ż-żgumbrament ta' karozzi abbandunati. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jaqraw il-proċedura.

519 41/0660 – Il-Kunsilliera ġew informati li s-Sur Bartolo qed jaħdem biex il-Kunsill joħroġ kalendarju għas-sena 2014 u qed jiġbor ir-reklami għal dan il-għan (200 ewro kull reklam).

520 41/0656 – Il-Kunsill ra l-imejl li bagħtet is-Sna Marisa Xerri Demanuele fuq it-trasferiment li qed titlob, fejn irringrazzjat lill-Kunsilliera u xtaqqitilhom il-festi t-tajba.

521 41/0634 – Il-Kunsill irċieva rapport tal-Pulizija, flimkien ma talba ta' kumpens ta' 73 ewro mingħand Tiziana Sivio, li qed tgħid li ġarbet ħsara fil-vettura tagħha minħabba ħofor li hemm fi Triq Nazju Falzon. Il-Kunsilliera ġew informati li bħalissa ħaddiem wieħed biss hemm biex jagħmel 'patching'. Saret diskussjoni fuq il-ħaddiema u l-Kunsilliera ġew informati li l-IPSL m'għadhomx jagħtu ħaddiema lill-Kunsilli imma l-Kunsill jista' jitlob iżjed bl-Iskema ta' l-ETC.

## 4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

522 Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq pagament numru 5 u ġie nformat li ingħata parti mill-pagament fuq ix-xogħol li sar fil-ġnien.

523 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq pagament numru 35 u ġie informat li hemm żball u li ser tiġi amendata.

524 Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq pagament numru 49 u ġie informat li dawk huma 'tipping fees' u l-Kunsill pingħata allokazzjoni speċifika għalihom.

525 Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq numru 47 u s-Sur Bartolo spjegalu li dawn l-ispejjeż kienu biex issir is-Sigra tal-Milied fuq l-irdum.

## 5 Kumitat Amministrattiv Swatar

526 Is-Sna Mifsud informat lill-Kunsill li l-KAS flimkien maż-ŻAK Swatar ser jorganizzaw 'Christmas Village' fil-15 ta' Diċembru. Qalet li l-'posters' u 'flyers' ser isiru mill-Kunsill ta' B'Kara u li anke għandhom xi 'boards' biex jużaw. Qalet li għandhom bżonn xi 'stalls' għax talbu lil Julian Zarb mid-Dipartiment tal-Kultura u ma

kellhomx. Għalhekk xtaqu li jieħdu xi għajnuna mill-Kunsill ta' L-Imsida. Is-Sindku qalet li se tipprova tiċċekja u ssib xi stalls li jistgħu jużaw mill-MTA.

527 Is-Sna Mifsud qalet li ma' l-attivita' tal-'Christmas Village' ser isir attivita ta' għoti ta' demm. Qalet ukoll li l-KAS diġa' għandu bbukjat is-19 ta' Marzu u t-13 ta' Dicembru 2014 għal attivita' simili ta' għoti tad-demm. Is-Sna Mifsud qalet li f'din l-attivita' (Christmas Village) ser ikunu preżenti rapresentanti tad-Dipartiment tas-Saħħa biex jagħmlu 'Health Checks' lil min ikun preżenti.

528 Is-Sur Selvaggi qal li attenda laqgħa fejn intqal li kien hemm bżonn li s-Swatar isir Kunsill. Ġie kkonfermat li s-Swatar għandu 5000 resident.

529 Is-Sna Mifsud semmiet li hemm grupp ta' żgħażagħ li kieku qed ikissru fil-bandli u qalet li hemm bzonn nirringrazzjaw il-pulizija li marru fis-2am u kellmuhom. Iż-żagħzagħ skużaw ruħhom.

530 Il-Kunsill approva li jinbidel id-DVR tas-CCTV tal-Bandli tas-Swatar billi approvaw il-kwotazzjoni ta' l-ELV.

## 6 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati.

531 Is-Sur Bartolo informa lill-Kunsill li l-ikla ta' l-Anzjani ser issir fit-18 ta' Diċembru u stieden lill-Kunsilliera. Hu qal li r-restaurant għadu jrid jiġi kkonfermat.

## 7 Affarijiet Oħra Hekk Urġenti

532 Il-Kunsilliera ġew informati b'xi attivitajjiet li ser isiru matul Diċembru:

- 5 ta' Diċembru: Library Day - Ser ikun hemm 'crafts' u 'storytelling' minn Liliana Risiott mill-5.30 sas-7.30pm.

- 6 ta' Diċembru: Kummiedja 'ItTieġ ta' Carmen Abdilla' – fis-7pm fl-Iskola Primarja St Tereża Msida, mtellgħa minn grupp volontiera b'direzzjoni ta' Carmen Galea.

- 15 ta' Diċembru: Attivita' fil-Knisja "Ilħna tal-Milied" bil-parteċipazzjoni tal-Msida Sea Scouts u l-MUSEUM Subien, it-Tenur Ġeorge Saliba u oħrajn. Fil-quddiesa tas-6pm u wara.

- 28 ta' Novembru (il-Ħamis li ġej): Quddiesa organizzata miż-żewġ partiti politiċi b'ruħ il-mejtin taż-żewġ partiti. Din tkun fis-6pm.

533 Il-Kunsill ġie informat li l-Kunsill Lokali ta' L-Imsida ħallas biss 190 ewro fuq ir-refurbishment li sar għax ħafna mix-xogħol għamluh it-TCTC u anke ħalsu parti minnu l-Kunsill tal-Pieta u l-SRF Cleaning.

534 Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq applikazzjoni pendenti fuq Loading/Unloading Bay f' Rue D'Argens. Is-Segretarju qalet li se tibghat reminder lit-TM għax għadhom ma bagħtux risposta.

535 Is-Sur Abela Wadge fakkar biex jiżdied il-'parking bay' fejn il-Busy Bee.

536 Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq id-dawl tal-Bandli u ġie nformat li kien hemm ħsarat minħabba vandaliżmu li sar fuq il-wajrs. Gie informat li l-Kunsill ser iġib pjanta mill-Public Works biex jibdew it-tiswijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet biex tiċċekja fuq il-WiFi tal-Bandli.

537 Is-Sur Selvaggi talab li ssir bollard quddiem l-Equal Partners. Il-Kunsill approva.

538 Is-Sur Selvaggi talab li l-Kunsill ifakkar l-Ispettur fuq iċ-ċertifikazzjoni ta' L-AVIS. Qal li mportanti li r-residenti, u anke il-Kunsill, ikun jaf li r-riserva li hemm ma' jkunx ta' periklu.

539 Is-Sur Selvaggi saqsa fuq il-parkeġġi ta' Triq Sant Andrija. Is-Segretarju qalet li ma kienx hemm risposta mit-TM.

540 Is-Sur Bartolo talab biex isir Festin għal-persuni b'diżabilita'. Qal is-soltu ssir minn għaqda oħra pero' il-Kunsill ikopri l-ispejjeż. Is-Sur Maurice Agius qal li Louis Aquilina jiehu ħsieb pero' s-Sur Batolo qal li ma jaħsibx li ser jiġi organizzat xi ħaġa mingħand is-sur Aqulina din is-sena. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-attivita' ssir fil-Kunsill.

541 Is-Sur Matthew Agius qal li ser ikun imsiefer bejn il-15 u s-17 ta' Diċembru.

542 Il-Kunsill qabel li d-'Drinks' tal-Milied isiru fl-20 ta' Diċembru 2013. Qabel ukoll li l-ikla tal-Kunsill u l-istaff issir f'Jannar.

543 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20:11 u gie deciz li l-laqgha li jmiss issir fis-17 ta' Diċembru.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv